

Brussell, 16 ta' April 2018
(OR. en)

7939/18

FIN 306
AGRI 167
FORETS 12
DEVGEN 45
ENV 222
RELEX 314
UD 83

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' April 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.::	7469/18 + ADD 1
Suġġett:	KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL bil-ħsieb tal-parteciġazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fit-Tleltax-il Sessjoni tal-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti (UNFF 13) - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjoni isibu fl-ANNESS il-konklużjonijiet tal-Kunsill, kif adottati mill-Kunsill fis-16 ta' April 2018, bil-ħsieb tal-parteciġazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fit-Tleltax-il Sessjoni tal-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti (UNFF 13).

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**bil-ħsieb tal-parteciġazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fit-Tleltaħ-il
Sessjoni tal-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti (UNFF 13)****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

1. WAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu tal-25 ta' April 2017 dwar il-Pjan Strateġiku tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti (UNSPF) u bil-ħsieb tal-parteciġazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fit-Tnax-il Sessjoni tal-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti (UNFF12), li saret mill-1 sal-5 ta' Mejju 2017 fi New York fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll konklużjonijiet preċedenti bil-ħsieb tal-parteciġazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fis-sessjonijiet preċedenti tal-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti;
2. WAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2017 dwar ġejjieni Ewropew sostenibbli: "It-tweġiba tal-UE għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli", u tal-4 ta' Diċembru 2008 dwar l-indirizzar tal-isfidi tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità;
3. WAQT LI JIRRIKONOXXI li l-foresti tad-dinja huma fundamentali għall-ħajja fuq il-pjaneta u li l-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti jaqdu rwol vitali fl-indirizzar tal-isfidi globali attwali bħat-telf tad-diversità bijoloġika, id-degradazzjoni tal-art u l-bidla fil-klima u sabiex jintlaħqu l-impenji tagħna għal żvilupp sostenibbli, inklużi dawk relatati mal-klima, l-enerġija u l-bijodiversità. Barra minn hekk, huma fornitur ewlieni ta' firxa wiesgħa ta' servizzi tal-ekosistema li jtejbu l-kwalità tal-ħajja, billi jipprovdu benefiċċji multipli għall-ambjent, is-soċjetà u l-ekonomija, bħalma huma t-titjib tas-sigurtà tal-ikel, id-disponibbiltà tal-ilma u l-protezzjoni ta' insedjamenti umani;
4. WAQT LI JINNOTA li, minkejja l-progress li sar fi snin reċenti, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni forestali jibqgħu frati allarmanti, b'sa 80 % tat-telf globali tal-foresti jirriżulta mill-espansjoni tal-art agrikola, skont l-istimi tal-FAO;

5. WAQT LI JAPPREZZA d-diversi inizzjattivi fil-livell globali u reġjonali għall-għieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, bħad-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti (2014), id-Dikjarazzjoni ta' Amsterdam "Lejn l-Eliminazzjoni tad-Deforestazzjoni mill-Ktajjen ta' Prodotti Bażiċi Agrikoli ma' Pajjiżi Ewropej" (2015) u d-Dikjarazzjoni ta' Amsterdam b'Appoġġ għall-Katina tal-Provvista taż-Żejt tal-Palm Kompletament Sostenibbli sal-2020 (2015);
6. WAQT LI JFAKKAR li l-mandat tas-Segretarjat tal-UNFF, kif jinsab fir-Riżoluzzjoni 2015/33 ECOSOC, biex jiżgura l-ġestjoni effettiva tal-proċess tal-faċilitazzjoni msaħħa (tan-Netwerk ta' Faċilitazzjoni tal-Finanzjament Globali Forestali (GFFFN)) u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu;
7. WAQT LI JTENNI r-rwol sinifikanti tal-UE u l-Istati Membri tagħha fil-promozzjoni globali tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, it-tmim tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u l-għieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat u l-promozzjoni tal-konsum ta' prodotti effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli, f'konformità mal-prinċipji gwida tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u l-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE (Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali);
8. WAQT LI JENFASIZZA l-importanza tal-UNSPF u JTENNI l-ħtieġa u r-responsabbiltà tagħna li nimplimentawh b'mod li jikkontribwixxi għall-protezzjoni u t-tisħiħ tal-bijodiversità u l-għieda kontra d-deżertifikazzjoni u l-implimentazzjoni integrata tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli – b'kont meħud tal-kwistjonijiet trasversali tagħha, inkluż, fost l-oħrajn, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet, il-qerda tal-faqar, il-għieda kontra l-inugwaljanzi, u l-għieda kontra t-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu;
9. JENFASIZZA li l-promozzjoni u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti jirrikjedu governanza tajba fil-livelli kollha, inkluż l-infurzar tal-liġi u istituzzjonijiet effettivi u responsabbli, u l-involvement tal-gruppi ewlenin kollha u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn - inkluż fost l-oħrajn il-komunità xjentifika, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-settur privat – kif ukoll korpi u proċessi reġjonali u subreġjonali; u t-tisħiħ ta' sħubijiet u fora bejn diversi partijiet ikkonċernati u fora;
10. IFAKKAR f'dan ir-rigward ukoll, fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indیgeni;

11. IĦEĠĠEĠ lill-membri kollha tal-UNFF, il-partijiet ikkonċernati (inkluż is-settur privat) u l-istituzzjonijiet biex jieħdu azzjoni kollettiva koordinata fil-pajjiżi, is-setturi u l-livelli kollha biex iwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, minħabba li l-kawżi tagħhom ġejjin minn diversi setturi, u JAPPELLA għal azzjoni biex isolvu l-kompetizzjoni fl-użu tal-art, speċjalment bejn l-art forestali u agrikola, bil-ħsieb li jimxu 'l quddiem lejn sistemi ta' użu tal-art sostenibbli u integrat;
12. JENFASIZZA li inizjattivi tal-irkupru tal-pajsaġġ forestali joffru opportunitajiet biex ireġġgħu lura id-deforestazzjoni, jirrestawraw pajsaġġi forestali degradati u jistabbilixxu mill-ġdid il-kopertura forestali fejn tkun intilfet, u b'hekk itejbu l-ambjent uman u tas-servizzi ekosistemiċi forestali inkluż il-bijodiversità, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jappoġġaw inizjattivi ta' restawr;
13. JILQA' l-ewwel Konferenza Internazzjonali konġunta li qatt saret dwar is-Sħubija Kollaborattiva dwar il-Foresti (CPF), "Ħidma bejn is-Setturi Kollha biex Titwaqqaf id-Deforestazzjoni u Tiżdied iż-Żona Forestali - mill-Aspirazzjoni għall-Azzjoni" (li saret f'Ruma mill-20 sat-22 ta' Frar 2018) u r-riżultati tagħha, partikolarment is-sejħa għall-urġenza fiż-żieda tal-attivitajiet li jwaqqfu d-deforestazzjoni u jirrestawraw il-foresti degradati, jippromwovu ktajjen ta' valur sostenibbli fl-agrikoltura u l-forestrija u l-ekoloġizzazzjoni tas-settur finanzjarju bl-appoġġ għal investimenti sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni u t-tnaqqis ta' sussidji ta' ħsara. JINKORAĠĠIXXI l-organizzazzjoni għal aktar avvenimenti konġunti mmirati lejn il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u d-diskussjoni dwar azzjoni konġunta tas-CPF u programmi li jinvolvu s-setturi rilevanti u l-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż iż-żgħażaġh;
14. JISTIEDEN lill-partijiet ikkonċernati kollha fil-livelli kollha biex jistinkaw għal sforzi kontinwi sabiex tittejjeb il-koerenza tal-attivitajiet internazzjonali relatati mal-foresti u biex jgħinu l-iżvilupp u l-appoġġ ta' azzjonijiet kollettivi u proġetti konġunti mill-membri tas-CPF;
15. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' Segretarjat tal-UNFF b'saħħtu, effettiv u effiċjenti, li jaqdi u jappoġġa l-UNFF fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-programmi kwadriennali tal-Forum u tal-UNSPF kif stabbilit fir-risoluzzjoni 2015/33 tal-ECOSOC, u jwettaq il-funzjonijiet tiegħu fi trasparenza sħiħa;

16. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu adottati linji gwida operattivi li jippermettu lin-Netzwerk ta' Faċilitazzjoni tal-Finanzjament Globali Forestali (GFFFN) jissodisfa r-rwol importanti tiegħu fl-iffaċilitar tal-aċċess għal pajjiżi eliġibbli għal riżorsi biex jimplimentaw il-UNSPF u jilħaq l-għanijiet u l-miri globali tiegħu tal-foresti; JENFASIZZA l-valur miżjud tal-iżvilupp ta' arranġamenti kollaborattivi bejn lis-Segretarjat tal-UNFF u l-membri tas-CPF u organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, u tat-titjib tal-organizzazzjoni ta' xogħlijiet relatati fi ħdan is-Segretarjat tal-UNFF biex iżidu l-effettività u l-effiċjenza tal-GFFFN; u JINKORAĠĠIXXI lill-membri tal-UNFF, u oħrajn f'pożizzjoni li jagħmlu dan, biex jiffaċilitaw il-mobilizzazzjoni ta' kontributi volontarji għat-tħaddim tal-GFFFN;
17. JENFASIZZA li l-monitoraġġ, il-valutazzjoni u r-rappurtar huma kruċjali għal fehim aħjar tax-xejriet u l-proċessi kurrenti, għat-turija tal-progress u l-kondiviżjoni ta' esperjenzi relatati mal-implimentazzjoni tal-UNSPF, u JILQA' l-progress li sar dwar l-iżvilupp ta' indikaturi globali tal-foresti; JITLOB lis-Segretarjat tal-UNFF biex jipprovdi informazzjoni f'waqtha dwar it-titjib tal-format u ċ-ċiklu tar-rappurtar;
18. JISSOTTOLINJA li l-format għar-rappurtar nazzjonali volontarju għandu jiffaċilita l-elaborazzjoni tal-konklużjonijiet u l-analiżi ta' informazzjoni u li ċ-ċiklu għandu jieħu kont ta' ċikli oħrajn ta' rappurtar internazzjonali u reġjonali rilevanti għall-foresti, b'mod partikolari ċikli rilevanti tal-membri tas-CPF u ċ-ċiklu ta' rieżami tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, sabiex jiġu evitati l-piż addizzjonali ta' rappurtar u d-duplikazzjoni tal-isforzi;
19. JILQA' B'SODISFAZZJON l-iżvilupp ta' Strateġija ta' Komunikazzjoni u Sensibilizzazzjoni tal-UNSPF, bħala strument għall-promozzjoni ta' komunikazzjoni aħjar dwar il-UNSPF mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u biex titqajjem kuxjenza dwar u appoġġ għal ġestjoni sostenibbli tal-foresti fil-livelli kollha. JENFASIZZA li l-Istrateġija ta' Komunikazzjoni u Sensibilizzazzjoni għandha tkun dokument li jevolvi li jirrifletti żviluppi emerġenti;

20. JINNOTA li r-rieżami tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 15 (SDG 15) ser ikun fuq l-aġenda tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (HLPF 2018), JENFASIZZA li dan jipprovdi opportunità unika biex il-komunità internazzjonali tirrikonoxxi l-funzjonijiet multipli li l-foresti jaqdu f'soċjetajiet reżiljenti u l-iżvilupp sostenibbli u jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu lejn il-missjoni kondiviża tan-Nazzjonijiet Uniti, kif espress fil-UNSPF, biex tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u l-kontribut tat-tipi kollha ta' foresti u siġar barra mill-foresti għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, inkluż bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni, il-koerenza, is-sinerġiji u l-impenn u azzjoni politika fil-livelli kollha;
21. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UNFF 13, inklużi tar-round table ministerjali, li jipprovdi argumenti u proposti dwar kif tal-HLPF tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-SDGs, u b'mod partikolari l-Għan Nru 15, bl-għan li jkollhom l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-implimentazzjoni tal-UNSPF tan-NU bħala parti integrata l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;
22. JAQBEL dwar l-importanza ta' ħidma flimkien mas-sħab kollha tal-UNFF13, sabiex jinkiseb fehim komuni dwar sehem b'saħħtu, ambizzjuż u bilanċjat mill-UNFF lill-HLPF li jfakkar u jenfasizza l-argumenti u l-proposti espressi mill-UE u l-Istati Membri tagħha fil-preżentazzjoni tagħhom lis-Segretarjat tal-UNFF dwar il-messaġġi ewlenin tal-HLPF tal-2018, inkluż l-importanza tal-foresti u l-ġestjoni sostenibbli tagħhom għall-SDGs l-oħrajn li qed jiġu rieżaminati fil-HLPF tal-2018:
- għall-infiltrazzjoni tal-ilma tax-xita, għall-protezzjoni għal nixxigħat ta' ilma minn art għolja għal xmajjar jew ibħra u għall-protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, għall-protezzjoni ta' riżervi tal-ilma naturali u għall-kontribut biex tiġi żgurata l-provvista tal-ilma tax-xorb u l-kwalità tiegħu; biex tiżdied ir-reżiljenza globali kontra l-effetti ta' għargħar u nixfiet kif ukoll fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra minħabba t-tibdil fil-klima (SDG 6);
 - għal kontribut lejn is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, is-sostenibbiltà u t-twettiq tal-miri relatati mal-enerġija/l-klima (SDG 7);

- għat-titjib tal-ambjent tal-għixien u tas-saħħa tal-bniedem u l-benessri f'soċjetajiet urbani u r-reżiljenza ta' konnessjonijiet urbani-rurali, permezz tat-titjib tal-kwalità tal-arja, iż-żamma tal-funzjoni protettiva tal-foresti, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra n-nirien u b'hekk tissaħħaħ is-sigurtà tal-popolazzjonijiet (SDG 11);
- għall-promozzjoni ta' użu razzjonali tal-injam bħala riżorsa naturali rinnovabbli, jiġi minimizzat l-iskart inkluż bir-riċiklaġġ ta' prodotti tal-injam, u sforzi lejn ekonomija ċirkolari filwaqt li jiġu eliminati prattiki illegali u mhux sostenibbli (SDG 12).
